**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Brandon Callus**

**Kumpilazzjoni Numru: 533/2012**

Illum 28 ta' Settembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brandon Callus ta' 21 sena iben Michael u Tracy xebba Cilia, imwieled il-Pieta' fid-9 ta' Settembru 1990, residenti gewwa 3, Gesu' Redentur, Triq Dun Guzepp Gonzi, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' 437990M:

Talli nhar is-16 ta' Marzu 2012 ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija 20:30hrs quddiem il-kazin ta' Sant'Andrija f'Misrah Sant'Andrija Hal Luqa minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mark Vella f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mark Vella minn San Pawl il-Bahar liema griehi gew iccertifikati bhala gravi minn Dr J. Zammit Med Reg:3054 tabib tal-emergenza gewwa l-Isptar Mater Dei.

Talli fl-istess hin, lok u cirkostanza, b'diversi atti maghmulin minnu, ikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra Mark Vella jew xi hadd mid-dixxendenti jew axxendenti tieghu jew kontra l-proprjeta' taghhom.

Aktar talli ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti.

Aktar talli volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Ghamel ingurji jew theddid jew provokazzjoni b'mod li hareg mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Mark Vella u Kirsten Vella.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D. nhar is-7 ta' Frar 2012, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €3,000 u depositu ta' €1,500, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest datat nhar is- 7 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D. u tordna l-arrest mill-gdid ta' Brandon Callus. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' depositu jew proprjeta' garanti ghal din is-somma, kif ukoll kull somma ta' flus ohra bhala garanzija personali, li gew impost fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest ighaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda tintalab sabiex titratta r-reat li saru minn ufficjal jew impjegat pubbliku liema reati kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi u dan ai termini tal-artiklu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recediv in vista ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 11 ta' Gunju 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra u dan ai termini 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai termini tal-artikoli 412C.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi l-Ispettur Jurgen Vella[1] xehed li fis-16 ta' Mejju 2012 ghall-habta tat-8.30pm il-Pulizija f'Hal Luqa gew infurmati li gewwa l-Kazin tal-Banda Sant'Andrija, kif ukoll barra, kien hemm glieda u kien hemm bzonn l-assistenza. Meta l-pulizija marru fuq il-post innutaw li kien hemm argument bejn Mark Vella u l-imputat Brandon Callus. Il-Pulizija tkellmu mal-persuni involuti. Mark Vella qal li rcieva telefonata minghand ibnu Kirsten li qallu li kellu argument ma' Brandon Callus li huwa l-gharus ta' Kimberly (oht Kirsten u bint Mark Vella). Mark qal li kif dahal fil-kazin mar fuq missier Brandon u stqasih x'kien gara u qallu li kellu bzonn ikellem lil Brandon Callus. F'daqqa wahda mar l-imputat, inqala' argument u Vella jghid li l-imputat tah daqqa ta' stikka tal-billiard u tah daqqiet go dahru wkoll.

L-Ispettur jixhed li meta mitkellem minnu Mark Vella qallu li l-argument beda meta ibnu kellu argument ma' l-imputat minhabba ohtu billi sar jaf li l-imputat kellu tifel minn mara ohra. Mark Vella qallu li ziju ta' l-imputat zammu minn wara u dak il-hin l-imputat qabad l-istikka li kellu f'idu u tah go rasu. Vella hallilu zewg

[1] Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

certifikati medici. L-imputat irrilaxxja stqarrija wara li kkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmax.

Mark Vella xehed[2] li dakinhar tal-akkadut huwa kien xoghol Marsaxlokk. Cempillu ibnu Kirsten u qallu biex imur malajr billi l-imputat kien habat ghalih. Huwa mar. ipparkja l-vann u x'hin qasam l-ewwel triq jara lil ibnu bilqeghda fid-dlam fuq bankina imbikkem. Meta mar quddiem il-kazin inkwistjoni sab hafna nies quddiem il-kazin. Mexa u ezatt kif tela' fuq il-bankina quddiem il-kazin marru l-kugin ta' Brandon Callus u missieru u qalulu mill-ewwel li ma riedux glied. Huwa qalilhom li ma kienx mar ghall-glied imma kien mar ghat-tfal. Staqsa ghal bintu u qalilha biex tmur gol-vann. Mar fuq missier l-imputat u staqsih ghalih u qallu fejn kien. Ra lill-imputat bl-istikka tal-billiard u staqsih kien habatx ghal ibnu. Mar kuginuh izommu mill-ewwel minn dahru u dak il-hin qala' daqqa fuq rasu l-ghada u sab ruxmata daqqiet ohra. Huwa kien qieghed jigi mizmum. Qabad lil bintu, lanqas jaf li kellu d-demm niezel u x'hin beda jigbed lil Kimberly, Brandon Callus ma riedux jehodha u rega' mar. L-istikka kien nehhiha minn idu, mar b'qabza u spicca mal-art u jghid li ghamel gimgha lanqas seta' joqghod bilqeghda bid-daqqa li kellu. Bl-istikka tah fuq mohhu n-naha tal-lemin. Wara r-rapport mar il-poliklinik u ntbaghat l-isptar. Huwa jghid li lil Brandon ma rahx gej. Kuginuh ipprova jevita li jaqla' d-daqqiet imma l-imputat baqa' jaghtih. In kontro-ezami xehed li huwa ma qal l-ebda diskors u lanqas dahal fil-kazin. Ighid li kienu diga' preparati ghalih. F'dan l-argument kien hemm grupp ta' nies – kien hemm tnejn ohra zgur u ma jafx kienx hemm izjed. Meta huwa mar fuq il-post ma kellu xejn f'idejh.

Kirsten Vella[3] xehed li dakinhar kien qed jilghab *tournament* tal-*billiard* u Brandon qallu biex johrog barra biex jitkellmu. X'hin lesta, hargu barra, Brandon ghamel wiccu ma' wick ix-xhud u qallu 'x'jigifieri tarali l-mobile' u harget ohtu. Marru wkoll missier, ziju u kugin ta' Brandon u l-imputat beda jghajjat ma' wiccu. Ix-xhud qal lil ohtu biex tmur iggiblu l-mobile, ix-xhud imbuttaha u hija qaltlu li ma kinitx se tmur u x'hin kien diehel l-imputat tah daqqa. Dak il-hin dahal ghall-mowbajl gol-kazin. Wara li sar jaf li Brandon kellu tifel huwa staqsa lill-imputat kienx veru u l-imputat cahad u ohtu qaltlu li ma kienet taf b'xejn. Ix-xhud isostni li l-imputat kellu messagg fuq il-mowbajl u dan kien jafu billi Brandon kien halla l-mowbajl ghandu u

[2] Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012
[3] Seduta tat-2 ta' Lulju 2012

ra messagg *"m'ghadekx taghti kasi u lanqas kaz it-tifel"* u huwa bhala hu t-tfajla tieghu qal lil ohtu u din qaltlu li ma kienet taf xejn. Imbaghad meta staqsa lill-imputat cahad. Kien dakinhar li kienu l-kazin f'Hal Luqa sar jaf li l-imputat kellu tifel. Huwa cempel lil missieru biex itih l-ahbar. Missieru stqasih jekk Brandon kienx messu, ix-xhud irrisponda fl-affermattiv u Mark Vella qallu li kien sejjer Hal Luqa. X'hin missieru wasal, l-imputat kien barra, hareg bl-istikka tal-*billiard* u x'hin ra lil Mark Vella sejjer kien hemm kugin u missier Brandon u marru jzommu lil missieru. Huma marru jzommuh ghaliex hasbu li sejjer ghall-glied u l-imputat qabad l-istikka u fajjar daqqa fuq ras missieru u anki go dahru. Fiz-zmien tal-akkadut ohtu kienet tkellmu lil missierha imma fiz-zmien tax-xhieda le. Ix-xhud ighid li Brandon Callus rah fuq il-mowbajl, issopona li cempel lil missieru u hareg armat bl-istikka u x'hin wasal missieru, familjari ta' l-imputat zammewh ghaliex hasbu li kien sejjer ghall-glied u l-imputat tah bl-istikka. Missieru kien wahdu u ma kellu xejn f'idejh. In kontro-ezami xehed li missieru rrabja b'li kien qallu huwa anki jekk huwa pprova jikkalmah. Xehed testwalment *"ghidtlu x'gara u gie ghas-sodisfazzjon hux"*.

Kimberly Vella[4] xehdet li dakinhar tal-akkadut, huha, Brandon u hija kienu l-kazin ghaliex kien hemm *tournament* tal-*billiard*. Huha sar jaf li l-imputat ghandu tifel u hija u huha hargu barra biex jitkellmu. Imbaghad huha qabbadha biex iggiblu l-mowbajl minn gol-kazin, qabadha minn idha u kien se jaqlibha mal-art tant li eventwalment kellha tbengila. Imbaghad l-imputat wissieh biex ma jmisshiex, Kirsten imbuttah lura u l-imputat ressqu lura. Imbaghad marru faccata jitkellmu bil-kwiet u ammettew li l-imputat ghandu tifel. Sussegwentement huha mar cempel lil missierhom u huma dahlu gol-kazin u wara ftit Brandon hareg hdejn huha biex jara kif kien. Cemplilha missierha u staqsiha jekk kienx minnu li l-imputat ghandu tifel. Beda jistaqsiha x'gara u fejn kien il-kazin biex imur. Meta wasal missierha beda jistaqsi fejn kien Brandon, hargu n-nies mill-kazin biex izommuh. Missierha beda sejjer *"jekk trid ejja San il-Pawl, ejja San Pawl, ara ma tarax lit-tifla"*. Hija xehdet li lil missierha bdew izommuh. Ma ratx kif sehhet id-daqqa imma x'hin kienu sejrin l-ghassa rat li missierha kellu daqqa fuq mohhu n-naha tal-lemin, bid-demm hiereg minnha. Tikkonferma li missierha nizel wahdu u ma kellu xejn f'idejh. Tixhed li missierha mar jigri ghal Brandon. Kien hemm hafna nies. Il-maggoranza tal-hin lil missierha kienu qeghdin izommuh

[4] Seduta tat-2 ta' Lulju 2012

imma hin minnhom missierha telaq jigri ghal go Brandon u dak il-hin in-nies daru kollha madwaru. F'seduta sussegwenti[5] xehdet li minn dakinhar tal-incident ma kelmitx aktar lil missierha u huha.

In kontro-ezami[6] xehdet li Brandon dejjem imur il-kazin. Kien huwa li dahhal lil huha fit-*tournament.* Huha f'hin minnhom qalilha biex johorgu jitkellmu barra ghaliex sar jaf li l-imputat kellu tifel. Huha rrabja ghaliex hass li gidbitlu ghaliex darba minnhom kienet diga' cahditlu li l-imputat kellu tifel. Qalilha li kien se jcempel lil missieru u qabbadha ggiblu l-mowbajl. Qabdilha jdejha u kien se jwaddabha ghal ma' l-art u l-imputat avzah biex ma jmisshiex. Huha qallu biex ma jindahalx u spiccaw jimbuttaw lil xulxin. Tixhed li huha baqa' barra, triq il-boghod u kien hemm il-familja ta' l-imputat u kugin l-imputat qalilha li kien gej missierha u dak il-hin ratu gej b'rabja kbira. Brandon ma kienx irrabjat. Missierha beda joffendih u l-kugin ta' l-imputat beda jzomm lil Mark Vella. Skontha, l-imputat ma offendihx lura. Hija ma ratx lil Brandon jaghti xi daqqiet lil missierha.

Michael Callus[7], missier l-imputat, jixhed li dakinhar ra lil Mark vella sejjer ghal ibnu. Huwa beda jzommu minn taht drieghu barra l-kazin ghaliex ma riedx inkwiet. Mark Vella kien irrabjat hafna ghal ibnu. Mistoqsi jekk refax idejh fuq l-imputat huwa rrisponda li li kieku ma zammewhx kien jerfa' jdejh. Dak il-hin ibnu baqa' gewwa ghaliex kien qieghed jilghab il-*billiard*. Imbaghad ingemghu hafna nies u x-xhud kien mohhu f'Mark Vella biex ma jmurlux ghat-tifel. Huwa ra lil Mark Vella li kellu qasma fuq rasu izda ma rax kif saritlu ghaliex dak il-hin kien hemm konfuzjoni shiha. Mark Vella qallu li Brandon tah daqqa ta' stikka. Huwa ma baqax izommu lil Mark Vella ghaliex ma setax ikun bin-nies li kien hemm. Dan harablu minn taht idejh u n-neputi tieghu li kienu qed izommuh. Infatti Carmelo Callus[8] ikkonferma li kien qieghed izomm lil Mark Vella flimkien ma' zijuh biex ma jiggilidx ma' Brandon izda f'hin minnhom harbilhom. In kontro-ezami, Michael Callus[9] xehed li bhala familja huma midhla tal-kazin ghal snin kbar. Mark Vella kien aggressiv ghat-tifel, beda jghajjat u jidghi u kellhom izommuh. Brandon telaq gon-nies biex jevitah.

---

[5] 31 ta' Ottubru 2012
[6] Seduta tal-25 ta' Novembru 2013
[7] Seduta tas-16 ta' Jannar 2013
[8] Seduta tas-7 ta' Mejju 2013
[9] Seduta tal-25 ta' Novembru 2013

Lietenant Carmel Mercieca[10] xehed li l-imputat dahal suldat fl-armata fl-4 ta' Jannar 2010 u inhall mis-servizz fis-16 ta' Mejju 2012. Aktar 'il quddiem fix-xhieda semma 18 ta' Gunju 2012 bhala d-data meta spicca.

Dr Jonathan Zammit li rrilaxxja c-certifikat Dok JV1[11] xehed li huwa klassifika l-gerha bhala wahda gravi minhabba li Mark Vella kellu farrett f'mohhu billi tista' thalli xi scar 'il quddiem fuq il-wicc.

L-imputat ghazel li jixhed[12]. Huwa jghid li sa minn mindu kien zghir kien imur il-kazin. Dakinhar tal-incident kien ilu hemm mill-5p.m. billi kellhom *tournament* tal-*billiard*. Qal li Kirsten Vella kien qallu li kien sejjer missieru ghalih ghaliex kien se jcempillu. Huwa baqa' l-kazin jilghab xorta. Imbaghad wasal Mark Vella b'vann idur fil-pjazza u rawh niezel sejjer gol-kazin ghalih. Kien hemm min staqsih kienx missier Kimberly. Jixhed li huwa kien qieghed jilghab il-billiard b'hekk hareg bl-istikka f'idu. Hareg barra biex jara kienx Mark Vella. Kif rah diehel ifittxu, l-imputat ighid li hareg il-barra biex jevitah. Imbaghad Mark Vella beda jistaqsi fejn kien l-imputat. Mar missier l-imputat fuq Mark Vella u qallu biex jitkellmu. Mark Vella beda jghidlu li ried ikellem lill-imputat, beda jidghi u kien mahruq. Kien aggressiv hafna. L-imputat jixhed li huwa u hu t-tfajla tieghu kellhom argument ghaliex l-imputat ghandu tifel. Kimberly kienet taf u qalilha wkoll biex tghid lil ommha u missierha izda hija bezghet u ma qaltilhomx. Huha sar jaf dakinhar u ffacjah. Huha qabad lil Kimberly minn idha u mbuttaha u laqaghha l-imputat. Kellha anki tbengila. L-imputat ighid li wissieh biex ma jmisshiex u Kirsten Vella imbuttah u l-imputat qallu li dawn l-affarijiet bil-kliem jirrangaw. Kirsten qallu li kien se jcempel lil missieru ha jmur ghalih u infatti rah icempel.

Jixhed li missieru kien qieghed izomm lil Mark Vella u dan beda joffendih u ried imur ghalih. L-imputat isostni li huwa qghad lura. F'hin minnhom telqu lil Mark Vella, harbilhom u rega' mar ghalih. Kellu l-istikka f'idu u jghid li laqtu. Imbaghad regghu zammewh u ma gara xejn aktar. Mark Vella beda jghidlu biex imur San Pawl il-Bahar ghalih. Jichad li fl-istqarrija qal li tah daqqa ta' stikka u infatti billi ma qabilx li tnizzel hekk ma ffirmahiex. Qabel dan l-incident qatt ma kellu xi jghid mal-familja Vella.

[10] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2012
[11] A fol 27 tal-process
[12] Seduta tal-24 ta' Frar 2014

Mark Vella beda jghidlu biex lil Kimberly ma jharisx lejha u beda joffendih, tant li l-pulizija bdew isiktuh. Mistoqsi x'kien l-iskop tal-istikka li kienet f'idejh barra l-kazin, l-imputat wiegeb: *"Ghax jien kif ghidtilkom kont qed nilghab il-billiard, kif qaluli 'gej missier Kristen', biex nara jekk hux Mark jew hekk hrigt nittawwal fil-bieb tal-kazin ghax jiena darba biss iltqajt mieghu dan il-bniedem".*

Mark Vella beda joffendih, jidghi u jistiednu ghall-glied f'San Pawl. L-imputat ighid li dak il-hin ma kellmux. Ighid li Mark Vella inzamm ghal xi hames minuti biex jigi kkalmat, kif telquh mar bir-rankatura fuqu: *"Kif wasal mieghu….ilqajtlu bl-istikka u kien hemm kuginuwi u missieri mill-ewwel qabduh".* Dahlu wkoll xi nies bejniethom. Huwa jichad li tah daqqiet bl-istikka tal-injam fuq rasu u dahru. Ighid li kif laqtu bl-istikka, telaqha minn idejh. In kontro-ezami l-imputat xehed li Mark Vella m'ghamillux offizi izda kieku tah cans kien jibqa' diehel go fih. Mistoqsi jekk kellux ghalfejn jilqaghlu bl-istikka wiegeb: *"Mela ma kellix ghalfejn, mhux ha nhallih jibqa' gej fuqi hux".*

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Illi minn dak li jirrizulta mill-atti processwali d-dinamika tal-akkadut kienet is-segwenti:

L-imputat u bint il-parte civile, Kimberly Vella, fiz-zmien ta' l-incident kien ilhom ftit xhur f'relazzjoni. Dak iz-zmien Kimberly Vella kienet ghad kellha 17-il sena. L-imputat kien mizzewweg u kellu tifel. Kimberly kienet taf bl-ezistenza ta' dan it-tifel izda huwa evidenti li ma kinitx infurmat b'dan lill-familjari taghha ghaliex bezghet mir-reazzjoni taghhom.

Gara li hu Kimberly, Kirsten Vella fil-gurnata inkwistjoni kien qieghed jiehu sehem flimkien ma' l-imputat f'tournament tal-billiard fil-kazin tal-Istilla, Hal Luqa. Jirrizulta li f'xi hin Kirsten qara xi messaggi minn fuq il-mowbajl ta' l-imputat li kienu jindikaw l-ezistenza ta' tifel. Huwa ffaccja lil ohtu b'dan u qaltlu li ma kienet taf xejn u ffacja anki lill-imputat. Dan Kirsten qal lil ohtu li kien se jghid lil missierhom. F'punt minnhom qabad lil ohtu minn idejha u riedha tmur iggiblu l-mowbajl. L-imputat wissieh biex ma jmisshiex u llettikaw kemm verbalment kif ukoll fizikament. Kimberly kellha anki tbengila. L-argument bejn l-imputat u Kristen waqaf hemm.

Biss pero' dan Kristen cempel lil missieru u qallu bl-ahbar li l-imputat kellu tifel minn mara ohra u li kien illetika mieghu. L-imputat ra lil Kristen icempel u kien jaf billi l-imputat innifsu xehed li Kristen qallu li kien se jghid lil missieru u issa jkellmu huwa. Mark Vella, li kien Marsaxlokk, fuq it-telefonata ta' ibnu, qabad u mar minnufih. Mark Vella kien irrabjat ghaliex hass li bintu u Brandon kienu gidbu. Mark Vella ma kienx jaf ezatt fejn kien il-kazin u pparkja xi zewg toroq 'il boghod. Mar bil-mixi u fl-ewwel triq sab lil ibnu. Kif tela' fuq il-bankina ta' quddiem il-kazin inkwistjoni sab lil missier Brandon u kuginuh jistennewh fis-sens li riedu jzommuh milli jiggieled ma' l-imputat. Hawnhekk din il-Qorti tqis li l-versjoni li ta Mark Vella fis-sens li huwa mar bil-kalma u staqsa ghal uliedu mhux kredibbli. Huwa kien irrabjat u huwa evidenti, anki kif xehed Kirsten Vella stess, li mar ghas-sodisfazzjon. Mark Vella mar biex jaffronta lill-imputat. B'dan il-Qorti mhux qed tfisser li necessarjament Mark Vella kien se jagredixxi fizikament lill-imputat izda zgur huwa li mar b'certu aggressivita' ghaliex naturalment kien urtat bil-fatt li kienu hbewlu l-fatt li l-imputat diga' kellu tifel.

Min-naha l-ohra billi l-imputat innifsu xehed li Kirsten avzah li kien se jcempel lil missieru, l-imputat kien konxju li Mark Vella kien se jmur ifittxu. Huwa proprju ghalhekk li missier Brandon u kuginuh bdew izommu lil Mark Vella sabiex jippruvaw jikkalmawh u l-bicca ma tikbirx. Mark Vella beda jistaqsi ghall-imputat. Mark Vella baqa' jissielet biex jahrab minn taht idejn dawk li kienu qed izommuh u f'punt minnhom irnexxilu. Mar dritt ghal fuq l-imputat u billi l-imputat kellu l-istikka tal-billiard f'idejh tah daqqa biha u laqtu fuq mohhu n-naha tal-lemin u anki fuq dahru. Il-Qorti ma temminx lill-imputat meta jsostni li huwa laqtu bl-istikka u mhux tah id-daqqa. Mark Vella waqa' mal-art. L-imputat fl-istqarrija tieghu jghid li ghamel hekk biex jiddefendi ruhu. Waqt ix-xhieda tieghu l-imputat ighid li ma ffirmax l-istqarrija proprju ghaliex huwa qatt ma qal li ta daqqa ta' stikka imma li laqtu u li l-ispettur baqa' nizzel hekk. Din il-Qorti tistqarr li l-imputat ma jitwemminx f'dan l-aspett anki ghaliex waqt l-istess xhieda l-imputat ma kienx ghal kollox konsistenti, per ezempju, ighid li Mark Vella mhux veru waqa' mal-art mad-daqqa mentri fl-istqarrija ighid li waqa' mal-art.

Inoltre' c-certifikati mahruga jelenkaw it-tip ta' griehi li sabu fuq Mark Vella li huma indikattivi li qala' aktar minn daqqa wahda ghaliex apparti fuq mohhu kellu wkoll anki hmura fuq dahru.

Illi l-abbli difensur ta' l-imputat issolleva d-difiza li f'dan l-incident kien hemm rissa. Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grech**[13] "

*Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju, dan jidher manifestament infondat ghaliex il-koncett kollu tal-"offesa in rissa" inkorporat fl-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali jiccentra fuq il-fatt li fil-glieda accidentali, jkunu hadu parti fiha kontra l-offiz aktar minn zewg persuni, w, fl-assenza ta' aggressjoni pjanata jew premeditata mid-diversi persuni li jkunu hadu parti fiha w/jew fl-assenza ta' l-prekoncert bejniethom biex isir l-omicidju jew l-offiza (ghalhekk l-emfasi hija fuq glieda accidentali), meta ma jkunx maghruf min, minn dawk li jkunu hadu parti attiva fil-glieda* ***KONTRA l-MAQTUL JEW L-OFFIZ,*** *attwalment ikun ikkaguna l-offiza jew l-omicidju, allura kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-offiz jew il-maqtul, ikun responsabbli kriminalment, pero' s' intendi ta' reat li jgib piena inqas gravi minn dik tal-omicidju jew tal-offiza skond il-kaz. Hu ovvju li mill-inqas iridu jkunu hadu parti attiva kontra l-offiz (f' dan il-kaz) mill-inqas zewg persuni, b' mod li ma jkunx jista' jinsab min minnhom kien l-awtur tal-offiza. Fi glieda biss bejn zewg persuni w cioe' l-offiz u persuna ohra, qatt ma jista' jikkonfigura ruhu dan ir-reat partikolari, li, kif jghid il-***CARRARA*** *("Programma del Corso Di Diritto Penale" Parte Speciale, Vol. I S 1311 p.496), hu bazat fuq l-"incertezza dell' autore". Issa ma jistax ikun hemm din l-incertezza meta* ***kontra l-offiz*** *ikun ha parti biss bniedem wiehed, kif inhu l-kaz odjern."*

Din id-difiza ma tistax issib l-applikazzjoni taghha f'dan il-kaz. Huwa minnu li fil-kazin kien hemm hafna nies billi kien hemm kompetizzjoni. Huwa minnu wkoll li f'xi mument kien hemm diversi nies li ppruvaw iferrqu. Biss pero', il-glieda ma kinitx accidentali ghaliex l-imputat kien jaf li Mark Vella kien sejjer biex jaffrontah zgur verbalment. Oltre' dan, kien hemm zewg persuni li zammewh u kien l-imputat li uza l-istikka kontra Mark Vella. M'hemmx dubju dwar dan. L-aggressur huwa maghruf.

[13] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Frar 2006

Illi in subsidium, id-difiza ssollevat ukoll il-legittima difiza. Dan minnu nnifsu jkompli jikkonferma li l-imputat mhux sempliciment laqghat lil Mark Vella izda tah daqqa bl-istikka.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit**[14] inghad:

*"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

"*Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha.*"

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:*

---

[14] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*"Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx*

*ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Illi applikati dawn l-insenjamenti ghar-rizultanzi processwali jirrizulta li lanqas din id-difiza ma tista' tirnexxi. L-imputat kien jaf li Mark Vella kien irrabbjat ghalih. Kien jaf li kien se jmur il-kazin zgur biex jaffrontah. L-imputat baqa' fil-kazin. Ighid li meta rah jasal dahal gewwa biex jevitah. Il-Qorti hija konvinta li l-imputat kellu kull opportunita', li kieku verament ried, li jevita l-akkadut. Kellu bizzejjed zmien biex jitlaq minn fuq il-post kemm qabel ma' wasal Mark Vella kif ukoll wara li wasal fuq il-post. Oltre' dan, Mark Vella kien wahdu, ma kellu xejn f'idu u mill-atti ma jirrizultax li dan hebb ghalih. Verament kien irrabjat u mar fuq l-imputat ghas-sodisfazzjon izda fl-ebda hin ma aggredih. Temmen li Vella kien aggressiv u offenda lill-imputat imma ma rrizultax li ghamel xejn aktar.

Illi inkwantu ghall-feriti sofferti minn Mark Vella jirrizulta li t-tabiba li ratu fil-poliklinik tal-Mosta ma stabilitx x'entita' kienu. Dr Jonathan Zammit[15] mill-Isptar Mater Dei iccertifika li kienu ta' natura gravi. Biss pero' meta Dr Zammit gie prodott bhala xhud huwa qal li kklasifika l-griehi gravi minhabba l-farrett fuq mohh Mark Vella minhabba li tista' thalli scar 'il quddiem fuq il-wicc. Ebda espert ma gie nominat biex jezamina lil Mark Vella. Meta l-Qorti kkonstatat de visu lill-istess Mark Vella irrizultalha li minn distanza ravvicinata m'hemm l-ebda sfregju vizibbli. Referenza ssir ghas-sentenza **Pulizija vs Jonathan Farrugia**[16]

*"**11.** Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciz fit-12 ta' Settembru 1996, intqal:*

***"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima***

[15] Dok JV 1 a fol 27

[16] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciza fil-15 ta' Frar, 2012

***kontemplata fl-artikolu 218(1)(b)…. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."***

**12.** *Imbaghad fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Paul Spagnol*** *deciz fit-12 ta' Settembru 1996, gie spjegat:*

***"Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim., 15/2/58, Kollez. Deciz. XLII.iv.1245, 1248)."***

**13.** *Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Randich*** *deciz fit-2 ta' Settembru 1999:*

***"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il- Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."***

Illi f'dawn il-proceduri ma gewx ezebiti ritratti ta' Mark Vella. Dr Zammit li rrilaxxja c-certifikat xehed b'mod car li kklasifika l-ferita bhala wahda gravi minhabba li setghet thalli scar fil-wicc. Ma rahx drabi ohra. Mill-atti mkien ma jirrizulta li din il-ferita ghal xi zmien iddisturbat il-lineamenti tal-wicc ta' Mark Vella. Lanqas mistoqsijiet f'dan is-sens ma saru. Min-naha l-ohra meta din il-Qorti kkonstatat de

visu rrizulta li llum il-gurnata m'hemm l-ebda sfregju fil-wicc. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-feriti sofferti minn Mark Vella huma griehi hfief u mhux griehi gravi.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni ma tistax tissussisti billi kif gie konsistentement ritenut mill-gurisprudenza, din tehtieg *a course of conduct.* Dan kien pero' incident wiehed. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna**[17] gie ritenut hekk:

*"Dwar it-tieni imputrazzjoni, li tirreferi ghall-artikolu 251B tal-Kap 9, l-imputazzjoni hija miktuba b'mod li tirreferi ghal dak li gara f'jum partikolari biss – il-25 t'Awwissu 2010. Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid jirrizulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba* ***minn dawk l-okkazjonijiet'****.*

*Jista' jkun hemm* ***aktar minn okkazjoni wahda fl-istess jum*** *u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda. Izda kemm mill-imputazzjoni kif migjuba kif ukoll mill-provi ma jirrizultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum."*

**It-Tielet Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-atti. La rrizulta li l-imputat kien xurban u lanqas li qal xi kliem oxen jew indecenti.

**Ir-raba' Imputazzjoni**

Biex tissussisti din l-imputazzjoni intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Pace**[18]

*"Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull "disturbance to the peace and good order" sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa w jista' jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni w l-kwiet tal-pubbliku . Ghalhekk hija skorretta legalment is-sottomissjoni*

[17] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciz fil-21 ta' Frar, 2012
[18] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciz fit-3 ta' April 2003

*tal-appellant li tghid li ghax ma jirrizultax l-ghajjat u l-glied fiziku flimkien , jonqos xi element kostituttiv ta' din il-kontravvenzjoni.*

*lli kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali " Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994] :*

*"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil" u "dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace." Dik il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni lill-Imhallef Sir Adriano Dingli li fil-kawza " Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et." [Kollez*
*Vol. XII , p.472, 475] kien qal :-*

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell'ordine pubblico , indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

Illi m'hemmx dubju li mill-atti din l-imputazzjoni tirrizulta.

**Il-Hames Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni ma tirrizultax billi hadd mix-xhieda ma xehed fis-sens li l-imputat b'xi mod kellem lil Mark Vella. Anzi jirrizulta li kif rah gej fid-direzzjoni tieghu tah daqqa ta' stikka.

**Is-sitt Imputazzjoni**

Illi fl-atti jirrizulta li gew ezebiti kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest[19] li jirrizultaw li huma fil-konfront ta' Brandon Callus. L-

[19] Dok JV6

Ufficjal Prosekutur f'dawk il-proceduri kien ukoll l-Ispettur Jurgen Vella prosekutur f'dawn il-proceduri.

Jirrizulta li effettivament l-imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu ossia li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja. Tqis pero' li l-ksur mhux talli li ghandu jwassal ghal piena karcerarja u wisq anqas ghat-telf tal-helsien mill-arrest u ghall-konfiska tad-depozitu u garanzija personali. Minflok il-Qorti se timponi fuqu multa ta' €500.

**Is-seba' Imputazzjoni**

Jirrizulta mix-xhieda ta' Lieutenant Carmel Mercieca u anki mill-istqarrija ta' l-istess imputat li fiz-zmien ta' l-akkadut l-imputat kien suldat tal-Forzi Armati ta' Malta. Fit-trattazzjoni gie sottomess mid-difiza li l-imputat dak iz-zmien kien sospiz. Apparti li dan il-fatt ma jirrizultax mill-atti, fi kwalunkwe kaz huwa xorta wahda kien ghadu suldat.

Ghaldaqstant din l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata.

**It-tmien Imputazzjoni**

L-imputat jinsab addebitat bl-addebitu tar-recidiva ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289. Inkwantu ghall-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz odjern billi dan jirreferi ghar-reati ta' serq.

Illi fl-atti giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 11 ta' Gunju, 2007. Mis-sentenza ezebita jirrizulta li l-konnotati indikati f'dik is-sentenza[20] huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. L-imputat odjern kien tpogga taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena.

Ghalhekk l-imputat se jinsab li huwa recediv biss a tenur ta' l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali billi kif inhu maghruf ordni ta' probation mhux kundanna u kwindi ma tittihidx in kunsiderazzjoni ai fini ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

**Piena**

[20] Dok JV1 a fol 91 tal-process

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz. Fil-fehma tal-Qorti dan kien incident li seta' facilment jigi evitat. Il-Qorti izda ma tqisx li piena karcerarja effettiva ghandha tigi imposta f'dan il-kaz izda ghandha minflok timponi sentenza sospiza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati li kkaguna ferita gravi izda li kkaguna ferita hafifa, u filwaqt li ma ssibux hati tat-tieni, tielet, hames imputazzjonijiet u lanqas ma ssibu hati ta' l-addebitu tar-recidiva a tenur ta' l-artikolu 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 49, 141, 221(1),338(dd) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kif diga' inghad issibu hati li kkaguna ferita hafifa tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tmintax-il (18) xahar u inoltre' tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' hames mitt Euro (€500).

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-imputat kif ukoll ghall-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali imposti fid-digriet tas-7 ta' Frar, 2012.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Mark Vella u familjari tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat